**31 ta' Jannar, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino, B.A., LL.D.**

Francis Vella

*versus*

James C. Micallef
u b'digriet ta' l-4 ta' Settembru, 1992, il-Qorti ordnat il-kjamant
fil-kawża ta' Charles Cutajar u Natalino Debono

**Inċident Stradali - Xogħol ta' Trinek - Għeluq ta' Karreġġjata - Nuqqas ta' Avviż**

*L-inċident kien ikkawżat biss bħala riżultat dirett tan-nuqqas ta' senjalazzjoni adegwata lis-sewwieqa minn min kien responsabbli tad-direzzjoni tat-traffiku minħabba x-xogħol li kien qed isir.*

*Hu infatti konklussivament ipprovat illi waqt li d-devjazzjoni tat-traffiku mid-direzzjoni mnejn kien ġej l-attur kienet sewwa senjalata, ma kien hemm assolutament l-ebda sinjal jew indikazzjoni lit-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta, tal-konvenut, ta' tali devjazzjoni.*

*Il-kawża immedjata u prossima ta' l-inċident tirriżulta li kienet il-mankanza gravi li jitqegħdu sinjali ċari, adegwati u f'distanza li tagħti opportunita' lis-sewwieqa li jirreaġixxu, lit-traffiku ġej mid-direzzjoni mnejn kien ġej il-konvenut.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tat-12 ta' Diċembru, 1991, li bih l-attur wara li ppremetta illi fl-24 ta' April, 1991, waqt li hu kien isuq il-karrozza Marina numru tar-reġistrazzjoni K-1202 fl-Għadira, limiti tal-Mellieħa, din sfat involuta f'ħabta mal-karrozza Suzuki numru tar-reġistrazzjoni E-8092 u ġarrbet ħsarat;

U wara li ppremetta illi għall-inċident u konsegwenzjali

*danni kien jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, negliġenza,* imperizja u inosservanza tar-regolamenti u li d-danni ammontaw għall-sitt mija u erbgħa u sebgħin lira maltija u ħamsa u sittin ċenteżmi (LM674.65);

U wara li ppremetta illi l-konvenut injora s-sejħa ta' l-attur għall-ħlas tad-danni;

Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni li, b'riżultat ta' l-istess sofra l-istanti - dana għar-raġunijiet imsemmija;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta' LM674.65 jew somma verjuri li tillikwida din il-Qorti, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah iħallas l-ammont minn din il-Qorti dikjarat bħala dovut *in lineja* ta' danni;

Bl-ispejjes kompriżi LM4 ta' żewġ ittri interpellatorji u bl-imgħax min-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident meritu tal-kawża ma kien jaħti b'ebda mod l-konvenut, iżda l-attur stess u/jew il-kuntrattur li kien qed iwettaq xogħlijiet fil-lokal li għandu jiġi kkjamat in kawża;

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Settembru, 1992, li bih il-Qorti ordnat il-kjamati fil-kawża ta' Charles Cutajar u Natalino Debono;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-ikkjamat fil-kawża Natalino Debono li biha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontrih huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm ebda ness bejn l-inċident stradali in kwistjoni u l-eċċipjenti, li b'hekk ma seta' qatt kien responsabbli għal dak l-inċident.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-ikkjamat fil-kawża Charles Cutajar li biha eċċepixxa:-

1. Illi *in linea* preliminari l-konvenut m'huwiex il-leġittimu kontradittur *stante* li x-xogħlijiet kienu qed jiġu eżegwiti mis-soċjeta' minnu rappreżentata u mhux minnu personalment u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi subordinatament l-esponenti ma huwa bl-ebda mod konness jew responsabbli ta' l-inċident in kwistjoni liema inċident sar ferm 'il bogħod minn fejn kienu qed isiru x-xogħlijiet;

3. Illi fi kwalunkwe każ, ix-xogħlijiet kienu qed jiġu esegwiti bil-permessi relattivi ta' l-Awtoritajiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-30 ta' Novembru, 1993, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

L-inċident stradali meritu tal-kawża seħħ bejn l-attur u l-konvenut. Id-dinamika ta' l-inċident mhux ikkontestata fl-elementi essenzjali tagħha. L-attur kien isuq Marina fil-Mellieħa

by-Pass dirett lejn l-Għadira. Ftit qabel is-Sea Bank Hotel, it-triq fil-karreġġata ta' l-attur kienet imblukkata minħabba xogħlijiet ta' trinek. Kien hemm barrikata u vleġeġ li kienu jidderieġu t-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni mnejn kien qed isuq l-attur, biex jgħaddu minn fuq is-'*centre strip*' għall-karreġġata l-oħra tat-triq, dik li normalment tieħu traffiku tiela' mill-Għadira lejn il-Mellieħa. Din il-karreġġata allura saret '*two way*' u l-attur kien dirett isuq f'dik il-parti ta' l-arterja '*wrong side*'; jiġifieri l-karreġġata li s-soltu tieħu traffiku '*one way*' kienet qed tieħu t-traffiku fiż-żewġ lanes;

L-attur saq kif dirett u żamm - kif jidher ukoll mill-iskizz ta' l-inċident prodott mis- Surġent li nvestiga l-każ, max-xellug tiegħu, cjoè mas-'*centre strip*'. Kontra tiegħu beda ġej it-traffiku, nieżel mill-vapur ta' Għawdex. F'ħin minnhom mis-serbut tat-traffiku nqalgħet karrozza misjuqa mill-konvenut li bdiet taqla' xarabank quddiemha. Waqt li kienet qed tagħmel hekk, sabet lill-karozza ta' l-attur quddiemha u saret il-ħabta;

L-unika differenza rilevanti bejn il-verżjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut hi li l-attur sostna li malli ra lill-konvenut, għafas il-'*brake*' u waqaf b'mod li fil-mument ta' l-impatt kien stazzjonarju, waqt li l-konvenut jgħid li kienu raw lil xulxin f'distanza ravviċinata u l-attur kien għadu miexi meta ħabat;

Mill-eżami ta' l-atti proċesswali l-Qorti tasal pero' għall-konklużżjoni illi l-kawża prossima ta' l-inċident ma tistax u m'għandhiex tiġi addebitata għal xi sewqan ħażin jew traskurat da parti ta' l-attur jew tal-konvenut. Jirriżulta pprovat illi l-inċident ġie kkawżat biss bħala riżultat dirett tan-nuqqas ta' senjalazzjoni adegwata lis-sewwieqa minn min kien responsabbli tad-direzzjoni tat-traffiku minħabba x-xogħol li kien qed isir. Inċident li kien ċertament jiġi evitat li kieku tali sorveljanza adegwata u

tempestiva ngħatat lis-sewwieqa li kellhom, fiċ-ċirkostanzi, kull dritt li jippretendu li ttieħdu minn min kien responsabbli għal dawk il-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi assigurata l-inkolumità tagħhom; inċident li seta' kellu konsegwenzi ferm aktar serji;

Hu, infatti, konklussivament ipprovat illi waqt li d-devjazzjoni tat-traffiku mid-direzzjoni mnejn kien ġej l-attur kienet sewwa senjalata, ma kien hemm assolutament l-ebda sinjal jew indikazzjoni li t-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta, tal-konvenut, ta' tali devjazzjoni. Dan ifisser li min, bħall-konvenut, ikun nieżel minn Għawdex dirett lejn il-Mellieħa, ma kellu l-ebda pre-avviż illi seta' jsib traffiku nieżel '*wrong side*' fil-'*lane*' tiegħu stess. Ta' dan il-fatt, anzi ta' din l-irresponsabbilta', hemm provi inkonfutabbli. Mhux biss, dan hu konfermat mis-Surġent tal-Pulizija li investiga l-każ, imma wkoll mill-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace li, f'din il-kawża jippatroċinja **l-attur**, u li nzerta, bħall-attur, kien nieżel għall-ħabta ta' dak il-ħin lejn Għawdex...

*Omissis*;

Ix-xhud irrejalizza l-gravità tas-sitwazzjoni u l-potenzjal jekk mhux l-inevitabilità ta' l-inċident, tant li għaġġel għamel rapport l-Għassa tal-Mellieħa. Wara ftit ċempillu Surġent u qallu: "*Diġa ħabtu tâf? Diġà kellna żewġ kolliżjonijiet*" ;

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li ma teħtieġx aktar elementi biex tasal ħalli tiskolpa lill-attur u l-konvenut minn kull responsabbilta'. L-attur ovvjament obda d-direttivi mogħtija b'sinjali uffiċċjali u għadda mnejn kellu bilfors jgħaddi. Saq rażenti mas-'*centre strip*' u b'veloċita' prudenti. Kellu kull dritt jistenna li t-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta ikun avżat bid-devjazzjoni b'mod li dan iżomm '*single file*' fuq in-naħa tal-

lemin tiegħu. Ma hemm xejn x'jiċċensura s-sewqan ta' l-attur;

Il-konvenut min-naħa l-oħra ma setax kien jaf bis-sitwazzjoni. Ma ġiex ippruvat li fil-ħin ta' l-inċident il-konvenut seta' kieku kien qed iżomm '*a proper look out*', jirrejalizza li t-triq kienet qed tintuża '*two way*'. Fin-nuqqas ta' tali prova, ma kien hemm xejn imprudenti jew ażżardat li f'karreġġata li hi wiesgħa biżżejjed, jipprova jagħmel sorpass ta' xarabank. Apparti dak li xehed l-Avukat Micallef Stafrace fuq l-impossibilita' li wieħed jirrejalizza tempestivament li kien nieżel traffiku fid-direzzjoni opposta fl-istess '*lane*' kien ikun għal kollox inverosimili u rażenti il-ġenn, li kieku l-konvenut ipprova jaqla' xarabank meta kien konxju ta' din iċ-ċirkostanza tad-devjazzjoni. Il-Qorti m'għandhiex raġuni taħseb li l-konvenut hu persuna li setgħet taġixxi b'mod hekk irresponsabbli sa dan il-punt;

Fin-nuqqas ta' elementi li juru l-kuntrarju, s-sewqan tal-konvenut ukoll ma jistax, fiċ-ċirkostanzi, jiġi ċċensurat;

Ir-responsabbilta' għas-sinistru allura trid tiġi riskontrata band' oħra. Il-kawża immedjata u prossima ta' l-inċident tirriżulta li kienet il-mankanza gravi li jitqegħdu sinjali ċari, adegwati u f'distanza li tagħti opportunita' lis-sewwieqa li jirrejaġixxu, lit-traffiku ġej mid-direzzjoni mnejn kien ġej il-konvenut. Dawn is-sinjali kienu neċessarji minħabba x-xogħol ta' tħaffir ta' trinek biex iservu lis-Sea Bank Hotel, li tagħha, l-ikkjamat fil-kawża, Natalino Debono, huwa wieħed mill-proprjetarji. Ix-xogħol ġie esegwit mill-ikkjamat fil-kawża l-ieħor, Charles Cutajar;

Il-Qorti issib li kienet irresponsabbiltà ta' l-ikkjamat fil-kawża Debono li jassigura li jkun hemm dawn is-sinjali, li kellu jakkwistahom u jipprovdihom lill-kuntrattur, l-ikkjamat fil-kawża

l-ieħor Charles Cutajar. L-ikkjamat fil-kawża Debono infatti jaċċetta:-

1. Li hu, flimkien ma' ħutu, kien talab u ottjena u **l-permess tal-Pulizija** biex jagħmel ix-xogħol ta' tħaffir ta' trinek;

2. Li hu kien ingħata struzzjonijiet mill-Pulizija fejn kellu jagħmel is-sinjali;

3. Li huma kienu, skond il-proċedura, *"xtraw is-sinjali mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, is-Sibt ta' qabel (kien ordnat mill-Pulizija li jibda x-xogħol it-Tnejn) u poġġew is-sinjali fejn qalulna l-Pulizija"* ;

Debono jsostni *"li kien hemm avviż adegwat għal kull min kien qed isuq mid-direzzjonijiet kollha"* . Il-provi ma jurux hekk, juru l-kuntrarju. Mhux biss, id-dover ta' l-ikkjamat fil-kawża Debono ma kienx biss li jagħmel is-sinjali kif ordnat mill-Pulizija, imma **wkoll li jassigura illi dawn is-sinjali jibqgħu fil-post u sewwa viżibbli f'kull ħin**, minn meta jinbeda sakemm jintemm ix-xogħol. Dan jirriżulta b'mod manifest li ma kienx il-każ;

L-ikkjamat fil-kawża Cutajar, jikkonferma illi:-

*"Il-persuna **inkarigata mix-xogħol** li fil-fatt riedni nagħmlu **kien l-ikkjamat fil-kawża Natalino Debono**"* ;

Isostni wkoll illi kien hemm is-sinjali kollha meħtieġa fiż-żewġ naħat. Is-Surġent tal-Pulizija li investiga l-każ jikkonferma però illi:-

*"Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni għal min ikun ġej minn*

*naħa taċ-Ċirkewwa sejjer lejn il-Mellieħa, li dik il-parti tat-triq kienet 'two way' ";*

Hekk ukoll iddikjara fl-okkorrenza. Rilevanti li fl-okkorrenza tar-rapport li għamel l-Avukat Dottor Micallef Stafrace, is-Surġent innota:-

***"Debono further stated that the P.W.D. provided several traffic signs, but the two way traffic signs were not available.*** *Debono was handed two traffic signs by Mellieħa Police to alter them for two-way traffic for the time being. The P.W.D. Section are being contacted as early as possible in order to supply Debono with the two-way traffic signs*" ;

'*Meglio tardi che mai*'. Dikjarazzjoni din li tiżmentixxi l-asserzjonijiet kategoriċi ta' l-ikkjamati fil-kawża illi kien hemm sinjali kullimkien u adegwati. Hu kważi żejjed għall-Qorti li tafferma li l-ikkjamat fil-kawża Debono ma kellux jordna li jibda x-xogħol ta' tħaffir u allura jagħmel id-devjazzjoni, qabel ikun aċċerta ruħu li jkun għamel is-**sinjali kollha** li kellu jagħmel, mhux biss bħala '*bonus pater familias*', imma wkoll skond kif obbligat li jagħmel fit-termini tal-permess lilu mogħti;

Il-permess infatti jindika bi preċiżjoni x'sinjali kellhom jiġu pprovduti biex jassigura l-inkolumita' tas-sewwieqa u "*pedestrians*". Inoltre l-kundizzjonijiet tal-permess speċifikament iżommu lill-"*licencee*" (tal-permess), "personally and solely responsible and liable at law to ensure that the conditions set out above are properly implemented and abided by ***before and during the course of works, right up to the time they are completed"***. Jirriżulta mid-dokumenti esibiti illi l-applikazzjoni għall-permess saret f'isem il-kjamat fil-kawża Natalino Debono.

Hu allura għandu ċertament jiġi rritenut responsabbli għall-akkadut.

Jibqa' x'jiġi kkunsidrat jekk l-ikkjamat fil-kawża Cutajar għandux jiġi akkollat b'xi parti mill-ħtija. Cutajar kien il-kuntrattur li eżegwixxa materjalment ix-xogħol ta' tħaffir tat-triqek. Ma jirriżultax li hu kellu xi responsabbilta' għall-organizazzjoni tax-xogħol. Hemm qbil li l-ikkjamat fil-kawża Debono assuma r-responsabbilta' li jġib il-permess biex titħaffer it-triq u allura konsegwentement li jassigura li l-permess u l-kundizzjonijiet tiegħu jiġu sewwa osservati, f'dak li hu senjalar lit-traffiku u li hu kellu jieħu ħsieb li jsiru. Cutajar ma kellu l-ebda indikazzjoni illi dawn is-sinjali ma sarux jew li ma sarux sewwa. Għall-kuntrarju kellu biżżejjed indikazzjoni illi s-sinjali kienu ġew akkwistat minn Debono u mqegħda f'posthom. Cutajar ma kellux id-dover li jassigura li s-sinjali kollha kienu hemm u li baqgħu hemm il-ħin kollu, waqt il-kors tax-xogħol. Kellu anzi d-dritt li jistenna li dak li kien responsabbilta' ta' Debono kien ser isir u li hu seta' jaħdem bla riskju u jekk kellu xi indikazzjoni, kienet proprju f'dan is-sens. Għandu għalhekk jiġi eżonerat minn kull ħtija. Kienet tkun diversa s-sitwazzjoni tiegħu kieku Cutajar beda x-xogħol meta ma kien hemm l-ebda sinjali jew iċ-ċirkostanzi kienu tali li setgħu jissuġġerixxu illi s-sinjali ma kienux kif kellhom ikunu. F'dan il-każ hu kien ikollu d-dover li ma jibdiex ix-xogħol. Pero' hu ċar li mhux il-fatt li l-kuntrattur beda jeżegwixxi x-xogħol li pprovoka l-inċident tant li dan sar, fil-fatt, **fuq in-naħa l-oħra tat-triq**;

Il-Qorti ssib għalhekk li l-ħtija tal-inċident għandha tiġi kollha akkollata fuq l-ikkjamat fil-kawża Debono;

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, l-attur qed

jippretendi s-somma ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin lira maltija u ħamsa u sittin ċenteżmu (LM674.65). Dan l-ammont jidher ġustifikat b'riċevuti u dokumenti oħra, m'hux kontradett minn ebda parti, jidher ġust u jkopri danni konsegwenzjali għall-inċident. Il-Qorti ser taċċettah bħala dovut lill-attur mill-ikkjamat fil-kawża Debono;

Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi:-

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ta' l-ikkjamat fil-kawża Charles Cutajar u għalhekk tilliberahom minn kull addebitu u tiċħad it-talbiet ta' l-attur kontra tagħhom;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-ikkjamat fil-kawża Natalino Debono u tilqa' it-talbiet ta' l-attur kontra tiegħu;

3. Konsegwentement tiddikjara li l-inċident stradali meritu tal-kawża ġara' **unikament** ħtija tan-negliġenza u traskuraġni da parti ta' l-ikkjamat fil-kawża Debono, li minħabba n-nuqqas tiegħu li jassigura li jagħti sinjalazzjonijiet opportuni u tempestivi lit-traffiku, meħtieġa minħabba xogħol li kien qed jiġi eżegwit fuq ordni tiegħu, ipprovoka s-sinistru;

4. Tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur, li għalihom l-istess kjamat fil-kawża Debono hu responsabbli, fis-somma ta' sitt mija u erba' u sebgħin lira maltija u ħamsa u sittin ċenteżmu (LM674.65);

5. Tikkundanna lill-istess ikkjamat fil-kawża Debono biex iħallas lill-attur din is-somma li qed tiġi hekk illikwidata;

L-ispejjes jitħallsu kollha mill-ikkjamat fil-kawża Debono.

Jiddekorri l-imgħax kif mitlub, mid-data tan-notifika lill-ikkjamat, fil-kawża Debono ta' l-att taċ-ċitazzjoni, sad-data ta' l-effettiv pagament.